**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**

**- vs -**

**Alfred Aquilina**
**Kaz Nru 55 ta' l-udjenza tas-27 ta' Frar 2002.**

Illum 27 ta' Frar 2002.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li jghid hekk:

"Illi l-esponenti gie akkuzat mill-Pulizija talli fid-disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (2001) ikkontravvjena marki tal-karreggjata fi Triq il-Port (Menqa) Marsalforn, Zebbug, Ghawdex permezz tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAK 213.

Illi l-esponenti kkontesta din l-akkuza u ghal dan il-fini inkariga lill-Avukat sottoskritt sabiex jidher fl-interess tieghu.

Illi pero' meta l-avukat sottoskritt deher quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja u kkontesta l-akkuza gie mitlub jipproduci awtorizazzjoni bil-miktub sabiex il-Kummissarju jkun jista' jipprosegwixxi bis-smiegh tal-kawza fl-assenza tal-imputat. Billi tali prova ma kienitx disponibbli l-Kummissarju iddekreta li allura l-imputat ghandu jitqies li ma deherx u pproceda sabiex jaghti s-sentenza ta' htija.

Difatti permezz ta' sentenza moghtija mill-Kummissarju tal-Gustizzja fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), huwa sab lill-esponenti hati skond l-akkuza u ippenalizzah multa ta' ghaxar liri ghal dak ir-reat flimkien ma' ghaxar liri ohra bhala penali ai termini ta' l-artikolu 10(2) tal-Kap 291 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat sew mid-digriet imsemmi u kif ukoll mid-decizjoni finali u minnhom qieghed jinterponi umili appell ghal quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

L-esponenti huwa wiehed minn numru ta' diretturi tas-socjeta' London Services Limited li topera negozju ta' kiri ta' vetturi. Il-vettura li ghaliha hemm referenza fl-akkuza kienet vettura tal-kiri. Ma ngabet ebda prova li l-appellanti kien qieghed personalment isuq l-istess vettura. Anzi jidher li huwa accettat li f'dak il-mument, din il-vettura kienet mikrija ghand hadd iehor.

Illi kif ilha l-prattika ghal diversi snin l-esponenti jinkarigaw lill-avukat sottoskritt sabiex jidher ghalih f'dawn il-proceduri. Kif fuq spjegat il-Kummissarju irrifjuta li jisma dan il-kaz u li jippermetti d-difiza ta' l-imputat u minflok ipproceda bis-sentenza.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej:

Ghal dak li jirrigwarda d-digriet li permezz tieghu l-Kummissarju ddecieda li jissokta ghall-kundanna ta' l-imputat daqs li kieku kien assenti minghajr ebda smiegh ir-ragunament tal-Kummissarju huwa wiehed semplici jekk mhux semplicistiku ibbazat fuq il-qari testwali tal-ligi safejn u kif jaqbel Fil-qosor dak li qed jinghad huwa:

a. Il-ligi li waqqfet il-Kummissarji tal-Gustizzja tipprovdi li l-proceduri quddiem il-Kummissarju ghandhom jigu regolati skond il-Kodici Kriminali ghajr fejn il-ligi tal-Kummissarji tal-Gustizzja ma tipprovdix mod iehor;

b. Il-Kodici Kriminali fl-Artikolu 374 jirregola ghall-prezenza ta' l-imputat fi proceduri quddiem dik il-Qorti u jipprovdi ghall-kazi eccezzjonali li fihom l-imputat jista' jigi rapprezentat minn hadd iehor li fost hwejjeg ohra jirrekjedi anki awtorizazzjoni bil-miktub.

c. Ghalhekk b'applikazzjoni ta' l-istess principju fin-nuqqas ta' awtorizazzjoni bil-miktub sabiex l-Kummissarju jipprocedi bis-smiegh, l-imputat ghandu jitqies li naqas li jidher u allura l-Kummissarju ma hux tenut li jisma l-provi u jipprocedi immedjatament ghall-kundanna.

Huwa sottomess bil-qima li dan ir-ragunament huwa wiehed intrinsikament hazin ghaliex jittraskura dawk li huma l-principji bazici f'gudizzju ta' ndoli kriminali. Donnu li l-Kummissarju nesa jew qieghed jiskarta x'inhuma l-konsegwenzi ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 374 fuq imsemmi. Quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-konsegwenza tan-nuqqas tal-harsien ta' din id-dispozizzjoni hija li l-proceduri ma jistghux jissoktaw ghaliex dawn huma bbazati fuq l-prezenza ta' l-imputat jew fil-kazi permessi f'dik id-dispozizzjoni, ta' persuna awtorizzata minnu. Din hija l-garanzija ewlenija u fundamentali fil-ligi taghna sabiex jitharsu l-interessi ta' l-imputat u sabiex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qed issir. Izda quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja, din id-dispozizzjoni qed tigi nvokata u utilizzata sabiex mhux biss isiru l-proceduri fl-assenza ta' l-imputat talli l-Kummissarju jigi dispensat milli jkollu jisma' l-provi jew jkollu jhaddem il-mekkanizmu cerebrali tieghu sabiex jifforma l-gudizzju u sabiex l-imputat jigi mcahhad minn difiza. Fi kliem iehor fil-waqt li fil-Kodici Kriminali u quddiem il-Qorti tal-Magistrati din id-dispozizzjoni hija utilizzata bhala salvagwardja ta' l-interessi ta' l-imputat, quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja din id-disposizzjoni qed tigi applikata bhala arma kontra l-interessi ta' l-imputat sabiex ma jkunx hemm smiegh u l-

imputat jigi penalizzat anki jekk huma jkun inkariga avukat sabiex jiehu hsieb l-interessi tieghu.

Dan huwa l-metodu ta' gustizzja verament originali kif qed tigi applikata mill-Kummissarju tal-Gustizzja. L-iskorrettezza grossolana fl-applikazzjoni ta' dawn il-principji tohrog ukoll minn konsiderazzjoni ohra. Huwa koncess li (i) il-proceduri u pieni moghtija mill-Kummissarju tal-Gustizzja gew depenalizzati u allura huma ta' natura civili; (ii) il-proceduri kriminali huma essenzjalment ibbazati fuq il-prezenza ta' l-imputat ghall-istess proceduri; (iii) il-proceduri civili ma jirrikjedux il-prezenza tal-parti; (iv) ma hemmx dubbju wkoll li fiz-zewg xorta ta' proceduri hija permessa l-prezenza ta' difensur sabiex jiehu hsieb l-interessi tal-imputat/parti. Izda l-proceduri quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja, kif l-istess Kummissarju qed japplika l-ligi, la ghandhom minn ta' wahda u l-inqas minn ta' l-ohra. Ghalkemm il-Kummissarju jaccetta li imputat jista' jkun assistit minn difensur minghajr il-htiega li d-difensur jkollu mandat per iskritt, minn naha l-ohra, in-nuqqas ta' awtorizazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju sabiex jisma' l-kaz, minkejja li jinkariga difensur u minkejja l-oppozizzjoni ghall-akkuza mid-difensur tieghu, tigi miftehema bhala ammissjoni ta' htija.

L-inqas ma rrealizza l-Kummissarju li kien qed jikkonfondi dak li hu stess ghazel li jiddistingwi fil-bidu tad-digriet tieghu. Dan ghaliex fil-waqt li fil-bidu tad-digriet tieghu l-Kummissarju ghazel bejn dik li hi distinzjoni sabiex xi hadd jidher ghall-imputat fi proceduri kriminali u l-awtorizazzjoni sabiex il-Kummissarju jipprocedi bis-smiegh in absentia, spicca biex isserva bid-dispozizzjoni li tirregola r-rapprezentanza fi proceduri kriminali sabiex wasal ghall-awtorizazzjoni tieghu ghas-smiegh in absentia.

U gialadarba jkun fil-vena li jinfliggi l-pieni hekk kif ikun ghaddej mhux talli jippenalizzah l-multa applikabbli ghal dak ir-reat talli jippenalizzah ukoll ghaxar liri ohra bhala penali ulterjuri. Wiehed jistaqsi jekk fid-dawl ta' dawn il-principji suppost moderni, jaghmilx sens li minhabba s-suppost speditezza, il-gudikament ghandu jassumi l-vesti tal-prosekuzzjoni u jfittex iktar li jigbor il-flus ghall-istat milli li jhares l-interessi ta' l-imputat, u fuq kollox milli jamministra l-gustizzja.

Wiehed irid ihares lejn l-iskop ta' Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali fl-isfond tal-provvediment tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar id-dritt ta' l-imputat akkuzat b'reat kriminali ghal smiegh xieraq. L-Artikolu applikabbli huwa Artikolu 39 li f'subartikolu 1 jipprovdi li:

> Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.

Iktar specifiku dwar il-kwistjoni in materja huwa subartikolu 6 ta' l-istess artikolu li jipprovdi li:
Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali -

(c) ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali u min ma jkunx jista' jhallas ghal rapprezentanza legali hekk kif tkun mehtiega ragonevolment mic-cirkostanzi tal-kaz tieghu jkollu dritt li jkollu dik ir-rapprezentanza bi spejjez pubblici;

(d) ghandu jigi moghti facilitajiet biex jezamina personalment jew permezz tar-rapprezentant legali tieghu x-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suggett ghall-hlas ta' l-ispejjez ragonevoli taghhom, u jaghmel l-ezami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu ghalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bhal dawk li jghoddu ghal xhieda msejha mill-prosekuzzjoni"

Tenut kont li hawn si tratta minn proceduri ta' indoli kriminali, din is-salvagwardja ghandha tapplika interament ukoll ghall-imputat li jidher quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja. Il-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi carament illi l-imputat jista' jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' rapprezentant legali. Igifieri lir-rapprezentant legali tekwiparah ma' l-imputat f'dak li ghandu x'jaqsam mad-difiza tieghu. Jidher kemm huwa dritt infringibbli ghall-imputat li jkun rapprezentat bil-legali tieghu biex ikun jista' jiddefendi ruhu. Galiadarba fil-proceduri quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja l-imputat jista ma jidhirx, il-fatt li ma jawtorizzax lill-Kummissarju bil-miktub sabiex jisma l-kaz u minflok jahtar avukat ma ghandux iservi ta' pregudizzju ghalih. Dak li qieghed jaghmel il-Kummissarju f'dan il-kaz huwa l-invers ta' dak rikjest mill-Kostituzzjoni innifisha. Mhux talli m'huwiex jipprovdi smiegh xieraq lill-imputat talli qed jirrifjutalu d-dritt tieghu li jiddefendi ruhu permezz tar-rapprezentant legali tieghu.

F'dan il-kaz, in-nuqqas ta' smiegh xieraq qieghed ikun ta' iktar hsara ghall-imputat. Filwaqt li fil-kaz li l-htija ta' l-imputat hija bbazata fuq htija misjuba minghajr dubbju ragjonevoli, dan m'huwiex l-indolu ta' prova rikjest fil-kawzi quddiem il-Kummissarju tal-Gustizzja. Ghalhekk, filwaqt li normalment fit-trattazzjoni ta' reati kriminali, l-indolu ta' prova fuq il-prosekuzzjoni huwa wiehed sostanzjali, dan m'huwiex fil-kaz prezenti. Il-pozizzjoni ta' l-imputat qed tigi aggravata iktar meta l-ammissjoni tieghu qed tigi prezunta anki jekk jinkariga rapprezentant legali sabiex jiddefendih. Mhux talli ma jehtiegx li jinstabu provi kontrih ta' natura sostanzjali, talli ma jkunx jista' jiddefendi ruhu skond il-jedd li taghtih il-ligi.

U referibbilment ghad-decizjoni fuq imsemmija l-aggravji ta' l-appellanti huma s-segwenti:

Fl-ewwel lok hemm l-irritwalita' u konsegwenti nullita' ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta li inizjalment, meta nbeda s-smiegh ta' din il-kawza din giet ipprocessata u l-atti nzammu f'post li ma hux ir-registru stabbilit bil-ligi. L-artikolu 9 tal-Kap 291 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li r-registru tal-Qorti tal-Magistrati huwa r-registru tal-Kummissarju u li l-atti tal-Kummissarju ghandhom jinzammu hemhekk. Anki d-deputati tal-Kummissarju tal-Gustizzja, kieneu impjegati tal-Kunsilli, u cioe' l-organu responsabbli mill-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati. L-esponenti jaghmel

> referenza ghad-decizjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Lulju 2001 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Aquilina.
>
> Inoltre jirrizulta illi l-atti m'humiex qed jinzammu u jigu processati regolarment skond il-ligi inkwantu jidher li ghad hemm l-involviment tal-Kunsilli Lokali. u cioe' l-organu responsabbli mill-prosekuzzjoni, fl-ipprocessar ta' l-atti anki wara l-qari ta' l-att ta' l-akkuza. Jidher illi kull ma gara wara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2001 hi li nholop paraventu sabiex filwaqt li jidher li l-atti qed jigu pprocessati mill-funzjonarji ta' din il-Qorti, fir-realta' din hija biss messa in xena u l-amministrazzjoni ewlenija ghadha fil-kontroll tal-Kunsilli Lokali.
>
> Fit-tieni lok fil-mertu jirrizulta li l-prosekuzzjoni qed tinvoka a favur taghha r-responsabbilita' tas-sid ta' vetturi tal-kira ghall-infrazzjonijiet li jsiru b'dik il-vettura meta din tkun anki f'idejn terzi. Il-prosekuzzjoni rabtet idejha u sakemm ma tinbidilx l-akkuza trid toqghod ghat-termini taghha u fin-nuqqas ta' prova skond l-akkuza kellu jkun hemm liberazzjoni."

Rat it-talba tar-rikorrent, milqugha min din il-Qorti sabiex tinghata sentenza in parti dwar l-ewwel aggravju u cioe` li l-Kummissarju tal-Gustizzja qatt ma seta' jinnega u konsegwentament jipprocedi bis-smigh tal-kaz meta l-avukat difensur ta' l-appellant talab li jikkontesta l-kaz *in absentia* ta' l-istess appellant;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semghet lill-partijiet;

Dwar l-ewwel talba l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara illi l-appellant ghandu ragun, minkejja li ma tikkondividix it-termini u l-oggettivi adoperati fir-redazzjoni tar-rikors fil-konfront tal-Kummissarju tal-Gustizzja *de quo*;

Ghalhekk tilqa' l-appell u tiddikjara d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Gustizzja tad-9 ta' Novembru 2001 bhala nulla u bla effett u per konsegwenza tirrinvija dawn l-atti sabiex jergghu jinstemghu mill-gdid ghall-beneficcju tad-*doppio ezame;*

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-aggravji l-ohra;

Din il-Qorti thoss illi kif gia` fuq indikat, ghandha ticcensura d-dicitura uzata fir-redazzjoni tar-rikors promutur. Ir-rikorrent ghandu kull mezz biex jirrikorri ghal proceduri ulterjuri biex jiskolpa ruhu minn sentenzi li ma jaqbilx maghhom, izda fl-istess waqt irid jerfa' ir-responsabilita` ta' dak kollu li jghid fir-rikors tieghu jew atti ohra. Atti gudizzjarji ma joffru l-ebda immunita` minn prosekuzzjoni u min jintavola appell jew att gudizzjarju iehor kwalsiasi

ma ghandu l-ebda *fiat* biex jghid li jrid fil-konfront ta' terzi minghajr ma jkun soggett ghal proceduri hu stess.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-lingwagg u l-oggettivi, kif ukoll l-ossservazzjonijiet li ghalihom irrikorra l-appellant, ossia d-difensur tieghu ma ghandhomx jghaddu inosservati u stante li mhix il-prassi ta' din il-Qorti li tiggudika minghajr ma tisma' lill-partijiet, filwaqt illi qieghda ticcensura lill-avukat li ffirma r-rikors tirriserva kull azzjoni spettanti lil xi parti interessata jekk jidhrilha xieraq.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur